MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 583/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Robert Farrugia u l-istess Robert Farrugia**

**Vs**

**David Fiteni**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm278.50c (mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

“Kont gej mis-side road Triq Dun Karm, B’Kara fejn kont ipparkjat, hrigt u qbadt indur mar-*roundabout* meta giet karozza CHE 247 minn fuq barra u dahal fil-genb tieghi.”

Robert Farrugia qal:

“Kont gej minn mar-*roundabout* Triq Dun Karm, B’Kara u ser indur biex immur lejn id-direzzjoni ta’ Msida u karozza ohra FBM 301 kien warajja fuq il-lane ta’ barra u kiser biex idur huwa wkoll u kiser fuqi u hbatna.”

Ra x-xhieda ta’ PS 508 Francis Bezzina fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz. Izid ukoll illi l-vettura ta’ Farrugia halliet *brake marks* ta’ 10.7 metres.

Ra x-xhieda ta’ Robert Farrugia fejn jikkonferma dak li qal fir-*Road Accident Report* u jzid illi hu ra l-ewwel darba lill-konvenut meta dahal go fih. Jghid li kien ghaddej bi speed ta’ bejn erbghin u hamsin kilometru fis-siegha.

Farrugia jghid ukoll illi fil-karozza kien hemm Guzeppi Mallia mieghu li huwa residenti Mosta Home. Jichad li kien sejjer fid-direzzjoni tal-Mosta kif ukoll jichad illi qal lill-konvenut li kien sejjer iwassal lil Guzeppi Mallia sabiex jiekol.

Ra x-xhieda ta’ David Fiteni fejn ikkonferma r-*Road Accident Report* u jzid illi ma ra lil hadd gej qabel ma hareg mis-*side road*. F’hin minnhom sema’ *brake* u Farrugia dahal fih. Jghid li wara l-incident hu dar fuq ix-xellug tieghu kif ukoll fl-istess hin Farrugia dar fuq il-lemin.

Jghid illi mhux cert jekk Farrugia kienx qallu jew li ser iwassal lil nannuh sabiex imur jiekol jew kien sejjer jitma’ lin-nannu. Fiteni jghid ukoll illi Farrugia kien qallu li kien qed idur mar-*roundabout*.

Illi wara li mmarka b'**X** fuq l-iskizz fejn grat il-habta kien mistoqsi ghalfejn il-vettura ta' Farrugia kienet aktar lura u Fiteni irrisponda li l-**X** ma kienetx ezatta. Jghid illi peress li l-vettura tieghu hafifa, mad-daqqa mbuttatu 'l barra.

Illi skond il-*Highway Code*:

"In general, there are no rights of way at roundabouts and the "first come first served rule" applies. However, in the case of two vehicles negotiating the same section of the roundabout simultaneously, priority should be accorded to the vehicle on the right. (In other words, other things being equal, traffic entering the roundabout should give way to traffic already on the roundabout, and traffic on the roundabout should give way to traffic leaving the roundabout)."

F'dan il-kaz il-konvenut kien gej minn *side road* u ried idur mar-*roundabout*. Hu kellu jassigura li ma kienx hemm vetturi fuq ir-*roundabout* fuq il-lemin tieghu. Il-konvenut qal li hu ra vetturi qabel il-habta izda dawn kienu ghadhom 'il boghod. Jirrizulta li l-konvenut ghamel apprezzament hazin meta hareg u baqa' jsuq fid-direzzjoni tar-*roundabout* ghaliex fil-fatt habat ma' l-attur li kien fuq il-lemin tieghu meta kellu jara l-vettura tieghu u jevita l-habta.

Id-danni mhux ikkontestati u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm278.50c (mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mill-25 ta' Marzu, 2004 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------